MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 292/2009/1

**George Briffa u Rita Briffa**

**v.**

**Raymond Gauci u Josephine Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Briffa tat-12 ta’ Novembru 2009 li permezz tieghu huma talbu, a tenur tal-Art. 266(7) tal-Kap. 12, l-esekuzzjoni provvisorja tas-sentenza tas-6 ta’ Mejju 2009, fl-istess ismijiet, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u li permezz taghha Raymond u Josephine Gauci gew ordnati jizgumbraw mill-fond ossia bar and

restaurant bl-isem “Tuck Inn” gia` “Time and Place” gia` “Bakkar” li jinsab f’Mosta Road, San Pawl il-Bahar;

Rat ir-risposta tal-kontroparti tat-30 ta’ Novembru 2009 li, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, opponew ruhhom ghal din it-talba;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Peress li hija sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiziti tas-subartikolu (7) tal-Art. 266 imsemmi;

Tilqa’ t-talba u tiddikjara provvizorjament ezegwibbli l-imsemmija sentenza, b’dan li t-terminu ta’ tlett xhur imsemmi f’dik is-sentenza jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------